**FIL-QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 5 ta' Ġunju, 2024**

**Kawża Nru. 19**

**Rik. Nru. 36/2023 ISB**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpanija **Eldorado Sportwetten GmbH (OC 1125)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti, fl-4 ta' Diċembru 2023, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-aħħar rapport mħejji mir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċjarju minn fejn jirriżulta illi din il-kumpanija hija fergħa ta' kumpanija reġistrata fl-Awstrija u jirriżulta mir-Reġistru tal-Entitajiet tal-istess pajjiż li l-kumpanija ġiet xjolta fil-ġurisdizzjoni primarja tagħha.

Rat illi l-istess stralċarju talab illi l-kumpanija *de quo* għandha tingħalaq minħabba l-fatt li l-kumpanija barranija li kellha l-personalità ġuridika li abbażi tagħha infetħet il-fergħa f'Malta m'għadhiex teżisti, kif anke jinsab dokumentat.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-liġi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

2. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji avviż tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Eldorado Sportwetten GmbH (OC 1125)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

4. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija **Eldorado Sportwetten GmbH (OC 1125)**.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

6. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrent.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**